# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**119.** **10 ta' DICEMBRU 1910.** **IT-TIELET SENA**


FTEHIM.

**Hadd ma *jista* jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xħur jeŭ b'it-tliet xħur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# IR-REBHA

Dac il poplu li għajjruh IMMATUR, igifieri li għadu l-ura u ma jifhemx, fl-aħħar elezjoni li chellna għarat ta risposta sabiħa ħafna l'is-Sur Cicc u Sħabu billi iccundanna il għamil politicu tagħhom b'risultat ta' voti li hu ta' min jiżnu tajjeb.

It-TABIB PULLICINO rebaħ fl-**Eŭŭel Distrett** billi gieb **458**, igifieri **222** actar milli gieb il Prof: u Curunell Manchè; u il MARCHIS APAP-BOLOGNA rebaħ f'is-**Seba Distrett** billi gieb **378** vot igifieri **229** actar milli gieb il Baruni Ugo Testaferrata-Abela. Bejn it-tnejn il Candidati li ħarġu biex ijċanfru l'is-Sur Cicc u Sħabu talli daħku b'il poplu billi naksuh m'il ŭiegħdiet li għamlulu giebu **451** actar milli giebu il Candidati ta's-Sur Cicc u b'hecc fuk **1221** vot li intgħataŭ, **836** marru contra is-Sur Cicc u Sħabu u favur tagħhom ma marrux ħlief 385 biss; u daŭna xejn la taħsbu li il biċċa il cbira minnhom intgħataŭ lill Candidati ta's-Sur Cicc għaliex żammeŭ ma'l fehma mkarrka tiegħu, le, iżda biss għall ŭiċċ ta'l Prof: Manchè u ta'l Baruni Testaferrata-Abela li huma żeŭġ onesti, żeŭġ galantomi u tnejn minn nies maħbuba u miġjuba tajjeb b'ir-raġun minn cullħadd.

Li chiecu il Prof: Manchè u il Baruni Testaferrata ma marrux ma'l fehma ta's-Sur Cicc u Sħabu chiecu chien ijcollhom huma ucoll ħafna voti, iżda għad li lill poplu jgħajjruh IMMATUR (li għadu l-ura) dana ŭera li jaf jifhem il qiestjoni x'chienet.

Chiecu is-Sur Cicc f'loc daŭn it-tnejn chellu Candidati dgħajjfin tistgħu tibkgħu sguri li il Candidati tiegħu b'collox ma chienux ijlakktu actar minn mitt vot, u dana jurina b'iċ-ċar li il fantarunati collha ta's-Sur Cicc u Sħabu li l-intelligenti collha ta' Malta huma favur tagħhom ma chienux ħlief bżieżak ta's-sapun mimlija b'id-duħħan ta' pipa tinten.

* * *

Is-Sur Cicc biex ijdeŭŭi id-dakka ta' ħarta li kala kal li għalihom ivvotaŭ in-nies collha intelligenti u li għat-Tabib PULLICINO u għall MARCHIS APAP-BOLOGMA ma ivvotaŭx ħlief in-nies *analfabeti* igifieri daŭc li ma jafux jakraŭ u jictbu u għalhecc li għadhom l-ura.

Tajjba din! Dan fejn jafu u ċhif jista jgħidu is-Sur Cicc? Mela xi ħadd jista jcun jaf il voti minn tahom? Mela daŭc li kalu ħaġa barra ma setgħux meta daħlu jatu il vot għamlu fattihom u daħku bih chif chien ħakku talli kabel daħak b'il poplu hu? U dana minn meta il cotra ta'l eletturi hi l-injoranti u daŭc li jakilgħu xebgħa huma l-intelligenti, għaliex fl-elezjoni ta's-sena l-oħra, meta il cotra chienet miegħu, ma kalx hecc. Id-darba l-oħra anzi kal li il cotra chienu l-intelligenti għaliex żammet miegħu, u issa saret biss chif jifhem hu injuranti u *immatura* għaliex ma ħallietux ŭara li daħak b'il poplu f'ŭiċċu joħroġ minn fuk rebbieħ ucoll.

* * *

Kalu ucoll li aħna irbaħna għaliex ħadem ħafna il Cleru u giegħel l'in-nies jivvotaŭ contra il Candidati ta's-Sur Cicc. Mela daŭc li ivvotaŭ contra il Prof: Manchè u il Baruni Testaferrata-Abela, la scond il fehma ta' daŭc ta' ma' dŭar is-Sur Cicc geŭ immixxija m'il Cleru ma mxeŭx fuk il fehma ta'l injoranti għaliex lill Cleru li ħa sehem is-Sur Cicc ma jistax ijgħajjru injorant sgur U hu ma chellux xi kassis li ħadimlu ucoll? Mela il ftit voti li irnexxielu jiddubbalu b'ħafna tkanżiħ ma riedhomx is-Sur Cicc għaliex huma ta'l analfabeti? U jħallina m'iċ-ċajt u jirraġuna ftit ta' ragel u jgħid li il po-

plu tah dakka ta' ħarta gŭappa biex isservih bħala lezjoni għa-żiża li b'il poplu ma jidħakx ħafif, ħafif chif dehirlu hu.

* * *

Iżda inħallu dana collu ftit f'il genb għaliex il voti' taŭh x'jaksam kalbu b'iż-żejjed l'is-Sur Cicc u għad li żeblaħni chemm felaħ dan l-aħħar f'il gazzetti tiegħi, ma irridx ta' generus, issa li in-«Naħla» ħarget reġgħet rebbieħa f'il fehmiet tagħha, inŭeġġagħlu kalbu jien ucoll. Illum hu ma'l *mejjtin politici* u għalhecc ma ħakkux ħlief min ijhenn għalih. *Parce sepulto* jgħidu b'il-latin igifieri *«aħfer il mejjtin»* u it-taljani jgħidu *«Oltre la tomba non vive ira nemica»* u għal hecc luk dan b'iż-żejjed.

* * *

Irrid biss ingħid xi ħaġa l'it-Tabib Sciberras li chien hu li imbotta b'il fehma u b'il pinna tiegħu l'is-Sur Cicc u lil Sħabu f'dana id-dagħbien collu. Irrid infaccru li ma għadux dac ta' dari li cull ma jgħid hu il poplu jilkgħu b'għajnejh magħluka u jbaxxi rasu għalih; u irrid inŭiddbu li darb'oħra kabel jati parir bħal ma għamel l'is-Sur Cicc li il poplu *jittrattah bħa't-tfal,* li jintebaħ li il poplu jat, meta jrid, joħroġ ta' ragel u juri il fehma tiegħu chif għamel—Mela jneħħi dic il *posa alla Roosevelt* li għandu f'il politica u li jaħseb li jrid ijmixxi il pajjis collu taħt ir-riedni ta'l fehmiet tiegħu, għaliex Roosevelt kala xebgħa oħra fl-America bħal ma d'id-darba kalagħha it-Tabib Sciberras b'il voti ta' dina l-Elezjoni. Mela *Parce sepulto* ingħidu għalih ucoll.

* * *

Nitma biss li issa ŭara li iġgelidna bejnietna li ma nibkgħux nitkatlu bħal clieb u ktates bi ħsara cbira ta'l pajjis, u li ninseŭ dac collu li intkal fi żmien l-Elezjoni u li narġgħu nintrabtu f'kalb ŭaħda bħal ma conna ftit żmien ilu, ħalli il coll naħdmu għall gid ta' dina l-imsejena gżira li hi mirlusa b'iż-żejjed m'il barrani, għaliex biss b'il għalenija nistgħu naslu f'xi gid.

# FRAC.

Dic iż-«ZUNZANA» li ħarget ma hix tiegħi; dic li ħabbart jiena tibda toħroġ la niġbor għaliha ftit imsieħbin seŭŭa oħra billi jecc jiena ma irridx nakla minnha iżda lankas ma irrid li nirroffa flus m'il but barra m'ix xogħol u il ħsieb li inżid li minnhom għandi b'iż-żejjed. Jecc il poplu jixtiek li jcollu dina il gazzetta hemm bżonn li jiittex jissieħeb fiha, għaliex jecc nibda noħrogħa irrid incompliha u biex incompliha hemm bżonn ta' għadd cbir ta' imsieħbin billi il prezz tagħha hu żgħir ħafna u barra minn dana hemm ħafna premji ucoll. Il flus li imbagħtu huma collha irregistrati u jecc iż-«Zunzana» tiegħi ma toħroġx inreġġagħhomlhom l-ura; jecc chif nitma toħroġ ma l-eŭŭel numru nibgħat il premji li ŭiegħidt. Dina isservi bħala tŭiegiba għall ħafna ittri li mbagħtuli.

★

Jecc haŭn xi ħadd li għandu xi cotba jeŭ gazzetti b'il malti u l-aħjar kodma, li jrid ijbiegħhom jiena, jecc ijgħoddu għalija, nixtrihom u inħallashom tajjeb. Nixtiek nixtri, per esempju ġabra sħiħa ta's-*«Sebħ»* u t al *«Ŭard u Żahar»* u jecc xi ħadd għandu u ma jridx ijbiegħhom jagħmilli pjacir cbir li jħallini għallankas nara dic ta'l *«Ŭard u Żahar»* għaliex sħiħa għadni ma rajt katt.

Jiena cont għidt li għandi nati premju lil cull min jillega in-«Naħla» ta'l eŭŭel sentejn u cont għidt li daŭna il premji jieħduhom daŭc biss li jgibuli niffirmalhom in-«Naħla» illegata għandi id-dar **sa l-aħħar ta' Ottubru.** Billi il-legatur li irraccomandajt milli jidher ma għandux bżonn jeŭ ħrara li jaħdem u il copji li ħadulu għandu ma lestihomx, sejjer intaŭŭal iż-żmien **sa l-aħħar ta' Dicembru** biex ma jgħidux li jiena approfittajt ruħi biex ma natix il premji, igifieri taŭŭalt iż-żmien **għal xahrejn oħra milli chien kabel.** IŻDA MIN MA JCŬNX GIEB F'DARI GĦALL FIRMA IN-«NAĦLA» ILLEGATA SA'L AĦĦAR TA' DICEMBRU DRITT GĦALL PREMJU MA JCOLLUX ACTAR.

Barra minn dana irrid infihem lil xi imsieħbin li jiena nati premji biss il daŭc li jillegaŭ in-«Naħla» suriet in-nies u m'hux il daŭc li jħituha huma u jinforraŭha b'biċċa cartun għaliex jiena dana għamiltu biex impattilhom il flus li nefku f'il-legatura u min ma nefakx flus jeŭ nefak ħaġa żgħira ma għandux jagħmel negozju minn fuk spallejja.

Jecc hemm xi ħadd li għad jonksuh xi numri biex jillegaha jicteb lili biex nara bakagħlix mnejn nibgħathomlu għaliex għand Nurat Debono ma hemmx copji iżjed; u min għandu jieħu l-eŭŭel sena jeŭ xi premju ma għandux jistenna li minn fuk għandi nagħmel l-ispejjes biex nibgħathomlu jien ġo daru.

Kabel nispiċċa irrid infaccarcom li l-ebda imsieħeb ma għandu dritt li jgib f'in-«**Naħla**» avvisi jeŭ articoli b'xejn u li fl-eŭŭel ta's-sena jibdgħu joħorġu bħala *Strina,* iċ-citazjonijiet ta' daŭc li ma ħallsux dina il ħaġa żgħira ta'n-«Naħla» u ilhom ijħabbtuna snin u xhur. Min ma jridx joħroġ ta' ragel u jħallas jitlak għax jecc bi ħsiebu jgħallatna, jarralu bl-oħxon.

★

Is-Sur Cicc u Sħabu il Cunsilieri l-oħra barra m'il Marchis u Avucat Mattei telku malli raŭ chemm giebu voti it-Tabib Pullicino u il Marchis Apap-Bologna, u għamlu seŭŭa għaliex ir-rieda ta'l poplu għanda tcun irrispettata. Nitma li issa ma jokogħdux ijfixclu biex jincu talli il poplu ġarrħom minn hemm fuk għaliex ħsara cbira liil pajjis biss jagħmlu.

★

Nirringrazzja b'il kalb lil Comm: A. M, Galea ta'l ctieb sabiħ ta'l «Mogħdija ta'ż-Żmien» li għoġbu jibgħatli u li fih Cummiedja, Dramma u Farsa sbiħ ŭisk. Ma hemmx bżonn li nokgħod intenni cull darba li dana il kari tajjeb jagħmel gid bla tarf lill poplu malti billi jtaffilu ftit minn dac is-semm li kiegħdin ijxerrdu ħafna romanzi ħżiena.

★

Ħakku cull tifħir il Cumitat ta's-Soċjetà ta' San Vincenz di Paoli ta'l Ħamrun billi kiegħda tħabrec ħafna biex tagħmel gid lill ħafna fkar ta' dac is-sobborg. Dan l-aħħar għamlu Serata fl-Eldorado li irnexxiet ŭisk billi ħadu seħem fiha is-Soċjetajjiet «Alfieri» u «Mandolinistica Nazionale» ta' Bormla li huma magħrufa minn cullħadd għall ħila cbira tagħhom. Smajna li inġabret chemxa flus ġmielha. J'Alla dejjem hecc.

★

Ir-raba u il ħames Conferenza «Pro Infantia» li għamel il Ħadd li għadda is-Sur Levanzin iż-Żurriek f'il għodu u Ħal Safi ŭara nofs inhar irnexxeŭ ucoll, u il poplu, milli jidher kiegħed jieħu ħafna gost b'dana il' ħafna tagħlim ta' fejda li katt ħadd ma mar semmagħhulu kabel. Tkassmu ucoll b'xejn ħafna carti ta' tagħlim. Din hi il vera politica għall poplu: li ŭieħed jifdih m'id-dlam li jinsab fih ħalli jcun jista jimxi il kuddiem bħal ġnus oħra.

Nitolbu b'il kalb għa'r-ruħ iż-żagħżugħ intelligenti **Ġuseppi Maistre** li inkered kasir il għomor mibchi minn cullhadd billi saħħan rasu bl-iscrupli; u għal dic ta'l istampatur **Guliełmu Cumbo** li ħalla dana il ŭied ta' dmugħ ġranet ilu ta' 59 sena.

★

Nirringrazzja b'il kalb l'is-Sur Tanti Bellotti, il patriotta intelligenti li jixtiek tant gid lill pajjis, ta'r-rivista tant sabiħa li bagħatli biex tiġbed il pasiġgieri fl-Italja. Xirka u rivista bħal din biex nagħmlu ma'l frustieri ftit reclam ta'l ħŭejjeġ sbiħ u antichi li għandna f'pajjisna chienu jagħmlulna gid bla tarf. Għala is-Sur Tanti-Bellotti li hu tant ħabriechi ma jitħajjarx ijkankalha hu. Jiena ingħinu m'il aħjar li nista.

★

Antonio Bartolo, *T'al miżŭed*, m'il Furjana, giè imħarrec m'il Puliżja talli f'il ŭakt li chien għaddejj riġment f'it-triek dana għadda minn banda għal l-oħra. Il Magistrat Fiteni kal li il Puliżija għanda id-dritt scond il-Ligi li meta jcun hemm xi festa, xi tiġrija, xi processjoni jeŭ xi ħaġ'oħra bħal daŭn ii tati ordni jeŭ tistampah biex in-nies ma jittraversaŭx it-torok iżda dana l-ordni trid ittih u ŭieħed ma jobdihx biex ŭieħed jaka f'il contravenzjoni. U billi lil dana Bartolo il poliżjiott ma kallux li ma jistax ijgħaddi minn banchina għal l-oħra il Magistrat illiberah.

Mela meta jcun hemm xi riġment għaddejj sa chemm ma jcun hemm l-ebda ordni biex ma tgħaddux minn banchina għal l-oħra, għaddu chemm tridu.

★

It-Tabib Pullicino u il Marchis Apap-Bologna nhar l-Erbgħa ŭara nofs-inhar telgħu f'il Cunsill ħadu il ġurament u chif ŭiegħdu f'il programm bla logħob ta' xejn telku. Bravi! Biss il Marchis Mattei kal li ma jridx jitlak u li jrid jokgħod imŭaħħal ma'l pultruna ta'l bellus. Għamel ħażin għaliex ġa la darba il poplu ŭera il fehma tiegħu hu ma għandux ijmur ŭaħdu contra tagħha u jagħmel dac li iddokklu ras għal dac li jakbillu.

# Għa'n - Nisa.

Meta tridu TNADDFU IL QŬADRI TA'T-TILA li jcunu tkagħbru agħmel hecc: Aksmu patata minn nofs u ħoccu tajjeb il qŭadru biha minn naħħa ta' fejn tcunu ksamtu sa dina titħammeġ u allura għandcom tużaŭ dejjem biċċa oħra nadifa sa idduruh seŭŭa collu. Ŭara laħilħuh bi sponża ratba u nadifa imgħaddsa f'il misħun sa tnaddfuh tajjeb, u meta jinxef ogħorcuh b'il għakal collu b'mactur ta'l ħarir ħalli jarġa jieħu illostru.

★

Biex TNADDFU u ISSEBBĦU ID-DORATURA ta' xi gŭarniċ indurat agħmlu hecc:— Itfgħu cubrit fl-ilma sa meta tħaŭŭduh jigi m'il-leŭn id-deheb carc; u itfgħu fih ucoll cull nofs ilma xi erba basliet imnaddfa iżda b'il koxra u għallu tajjeb collox. Saffuh u meta jicsaħ għaddu bih b'pinzell artab id-doratura u ixxuttaŭ b'ċarruta ratba u nadifa biex taraŭ chif id doratura tigicom kejsa ġdida.

# Il Malti għal Maltin

( *Jissocta minn numru ta' kabel.* )

**Taħter**—tagħmel imħatra. *Nitħater għonki li nirbaħ l-imħatra.* **Ħattar**—min jagħmel l-imħatra. **Ħattari**—dac li jħobb jagħmel l-imħatri.

**Ħatt**—strixxa. *Libsa b'il ħtut ta'd-deheb*—bl-istrixxi. **Tħattet**—tirriga.

**Ħattufa**—biċċa m'il moħriet mnejn jakbdu.

**Art Ħaŭlija**—b'ir-ramel, li ma hix tajjba għa'ż-żara. **Mara ħaŭlija**—li ma tagħmelx tfal. **Ħŭiel**—li ma jistax ijcolloc tfal. **Cromb ħaŭli**—li jinżara u jibka dejjem f'loc ŭieħed.

**Tħaxchen** ġo belt—tassedja. **Tħaxchina**—assedju jeŭ **ħaxcna**.

**Tħaxlef**—tagħmel xogħol li ma jisŭa għal xejn. *Xogħol imħaxlef.* **Ħuxliefa**—bniedem jeŭ bniedma li ma humiex ta' min jiccalculahom. *Tati ŭiden għal cliem ta' ħuxliefa bħal dic?*

**Ħaxŭa** jeŭ **ħaxxa** hu dac li jakla it-tgħajjir fuk ħalku bla ma jittiesef.

**Tħaxxem** sebgħec ma' bieb—tagħilku b'mod li tobormu, timmaccah.

**Taħżak**—iżżomm bejn dirgħajc imħaddan chemm tifiaħ. **Ħażżieka**—katta kamħ chemm ŭieħed jista jġorr imħaddna bejn dirgħajh. *Żommu mħażżak u għidimlu imnieħru.*

**Ħarr**—ħruk, sħana. *Il ħarr ta'x-xemx da's-sajf kalil ŭisk.* **Ħarr ix-xofftejn**—nefħa, irritazzjoni. **Art ħarra**—b'il għatx. **Tchel ħarr**—li jsaħħan, ħami. *L-ichel ħami jħarrar id-demm. Ħrar ta'd-demm. Raba moħrar*—niexef.

**Ħartuma**—il mogħża jeŭ in-nagħġa li għandha għeddumha abjad u il bkija ta' gisimha isŭed. *Tah ħartuma*—dakka ta' ħarta b'ir-ragel.

Id-deni **ħasdu** f'dakka—gherbu f'chemm trodd salib.

**Taħsal**—u m'hux *taħsel* meta trid tifhem *iddecida. Ħasal iġġennen ŭarajha. Ħsalt xtrajtu. La naħsal nagħmel ħaġa ma jdaŭŭarni ħadd.*

Xogħol **ta'l ħasba**—li ma sarx ħorrox-borrox iżda ŭara li ŭieħed dam ijtallagħ u jniżżel ħafna.

Fiha **ħasra**—ta' min jitħassarha. **Tħassel**—tixtri ħaġa u tħallasha ftit ftit, bl-acconti. *Ħassilt għalka bi ftit flus.* **Ħassàl** ŭieħed li jħallas dac li għandu jati ftit ftit, tant f'ix-xahar.

**Ħattàr**—elettur. **Ħatra**—elezjoni.

**Taħtam**—tissigilla, għaliex dari is-sigill chien jgibuh f'iċ-ċurchett (ħatem.)

**Taħten**—tgħakkad familja m'oħra b'iż-żŭieġ. *Sejjer jitħaten ma' nies seŭŭa.*

M'is-Segreterija ta'l Iskof
il Belt, f'id-29 ta' Ottubru, 1910.

Illustrissimu Sur Segretarju
ta'l *Għakda ta'l Appostolat ta' Talb,*

B'risposta ta'l għażiża ittra tiegħec ta's-17 ta' dan ix-xahar, l'Eccellentissimu u Reverendissimu Arciskof-Iskof tani l'ordni infissirlec li Hù japprova b'il kalb collha it-tuakkif ta'l *Caxxa ta' Tifdil* magħmula m'il *Għakda ta'l Appostolat ta' Talb*, seuua għax f'daun iżżmienijiet Caxxa hecc tcun fiha il barca għall poplu fkir u seuua għax din il Caxxa ħadd ma jista jmexxiha aħjar għall gid ta'l fokra m'innies ta'l *Għakda* li chif jidher mil' ismijet ta'l persuni li huma imdaħħlin fiha, tati fejda ta' cull gid u ta' cull risk.

L'Eccellentissimu u Reverendissimu Monsinjur Iskof, f'il uakt li jirriccmanda lil cullhadd din il *Caxxa ta' Tifdil* jogħġbu ucoll ijbiericha u jixtiek li jaraha sejjra dejjem il kuddiem għall għajnuna ta'l poplu tagħna.

Nitolboc ucoll, Sur Segretarju, tilka il ferħ u il kima tiegħi, fil stess hin li għandi l'unur ngħodd-ruħi

ta's-Sinjurija Tiegħec Illustrissima
Serv Devotissimu
P. Canonicu Gauci
*Segretarju Generali.*

# IL "LUCIA DI LAMERMOOR."

Din hi l-isbaħ opra li katt chiteb il cbir compositur-ta'l-musica taljan Donizetti fuk librett ta' Salvadore Cammarano.

Il PERSONAĠĠI huma daūn:—

Lord ENRICU ASHTON (*Baritonu*); Miss LUCIJA, oħtu (*Primadonna*); Sir EDGARDU TA' RAVENSWOOD, il maħbub ta' Lucija (*Tenur*); Lord ARTURU BUCKLAW; RAJMONDU BIDEBENT, is-surmast ta' Lucija (*Baxx*); ALISA, id-damigella tagħha (*Mezzosopran*); NORMANNO, il Cap ta'l għassa ta' Ravenswood u oħrajn.

Il ĠRAJJA saret fl-Iscozja xi erba mitt sena ilu biċċa f'il Castell ta' Ravenswood u biċċa f'it-Torri ta' Wolferg, u is-soġġett hu meħud minn fuk ir-romanz famus ta' Sir Walter Scott, ingliż.

## L-EŪŪEL TAKSIMA

Fiha Att ūieħed u turi it-tluk ta' Edgardu għall Franza.

*Ix-Xena hi ġnien f'il Castell ta' Ravenswood.*

Jidher Normanno b'il caċċaturi u ūara ftit Enricu Ashton collu imħaūnad billi jgħidulu li xi ħadd li sata jgħinu ħafna contra il għadu aħrax tiegħu Edgardu, talab il-Lucija b'għarusa tiegħu iżda dina ma tridux. Rajmondu jgħidlu li Lucija chien għada chif tilfet l-ommha u għalhecc, billi chienet imgħollija ħafna, ma chellhiex ħsieb ta' żūieġ u ta' 'mħabba. Normanno jgħidlu li hi chienet tħobb lil għadu tiegħu Edgardu billi dana salvaha m'il meūt meta ħarab barri u chien għoddu katilha u li hi ta' cull f'il għodu chienet tchellmu f'il ġnien tagħhom. Enricu meta jisma dan jatih bħal ferħ ta' genn u jcanta:—

*Cruda, funesta smania—Tu m'hai destato in petto !*
*È troppo, è troppo orribile—Questo fatal sospetto !*
*Mi fa gelare e fremere—Mi drizza in fronte il crin.*
*Colma di tanto obbrobrio—Chi suora mia nascea !*
*Pria che d'amor sì perfido—A me svelarti rea,*
*Se ti colpisse un fulmine—Fora men rio destin.*

Il caċċaturi jisguraūh li dac li jchellem l-oħtu hu Edgardu u dana jitmasħan u jitħasseb chif għandu jitħallas minnu.

*Ix-xena titbiddel u jigi il ġnien b'il għajn ta's-Sirena.*

Lucija tasal ma' Alisa u tibda tħares ma' dūarha biex tara jecc ūasalx Edgardu; u x'ħin Alisa tūiddibha li dic l-imħabba ma għandhiex xi tridha għaliex chienet sejjra iġġarraħha f'ħafna għali, Lucija tūiegibha li ma jistax ijcun għaliex hi chienet kiegħda biss tgħix għal dic l-imħabba cbira... Haūn jasal Edgardu u Alisa tūarrab ftit minnhom. Edgardu jtarrfilha li kabel jisbaħ l-agħda chellu jitlak għall Franza biex jiħabbibha ma'l Iscozja u x'ħin Lucija turih li ma tridx tinfired minnu Edgardu jgħidilha li hu kabel ma jsiefer chellu jersak kuddiem ħuha Enricu u jitlobha b'għarusa tiegħu b'turija ta' ħbieberija. Lucija collha imbeżżgħa ħassritlu u Edgardu kallha li hu chien jaf li Enricu chien jobogħdu għal meūt u li ūara li keridlu il missieru u il gidu, issa chien jixtiek jekred lilu ucoll u haūn ijcanta:—

*M'odi e trema—Sulla tomba che rinserra—Il tradito genitore,—Al tuo sangue eterna guerra—Io giurai nel mio furore: -Ma ti vidi.. in cor mi nacque—Altro affetto, e l'ira tacque..—Pur quel voto non è infranto—Io potrei compirlo ancor.*

Lucija tberrdu u Edgardu x'ħin ijdaħħlilha f'sabagħha iċ-ċurchett ta'l chelma jgegħilha taħliflu li hi ma għandiex tiżżeūūeġ ħlief lilu; u Lucija taħliflu li għandha tibka tħobbu sa'l meūt. Haūn jinfirdu f'il ħin li jūiegħdu li għandhom jibkgħu jħobbu il xulxin; u Lucija tidħol collha imbicchija f'il Castell.

## IT-TIENI TAKSIMA

Fl-**Eūūel Att** *ix-xena turi is-sūali ta' Enricu Ashton* li jcun kiegħed jistenna l-oħtu Lucija biex ijgħidilha li da'l ūakt jasal Arturu biex tiżżeūūeġ miegħu u li chien mar jilkgħu Normannu b'ferħ cbir. Lucija tidher donnha ūaħda miblugħa billi chienu kalulha li Edgardu chien telakha u ħabb mara oħra. Lucija tgħidlu li kalbha chienet tatha lill ħadd ieħor u dana jċanfarha billi jgħidilha li għamlet ħażin u li għandha tinsih. Lucija ma tridx tisma b'dana iżda hu jgħidilha li Arturu biss chien jista jħarsu m'il meūt u li hi chellha tieħdu biex issalvah u jcanta:—

*Se tradirmi tu potrai—La mia sorte è gia compita;—Tu m'involi onore e vita—Tu la scure apprestì a me.—Nei tuoi sogni mi vedrai—Ombra irata e minacciosa—Quella scure sanguinosa—Starà sempre innanzi a te !* u Lucija tixtiek il meūt biex teħlisha minn dic it-tabxa cherha x'ħin jidħol ħdejha Rajmondu, is-Surmast tagħha, li jgħidilha li għandha tiżżeūūeġ l-Arturu u tinsa l-Edgardu għaliex jecc tgħid le fuk darhom chien joctor il għaūġ bla tarf. Lucija għal cliem tiegħu tgħid iva u tmur biex tilka il għarus ma' Enricu u l-oħrajn ta'd-dar. Arturu jasal u jūiegħed li għandu jgħin lil Enricu u jakbeż għalih f'cull ma jcollu bżonn u Enricu f'il ħin li jiżżih ħajr ijgħidlu li Lucija chienet mitbiela b'il għali t'ommha li tilfet ftit żmien kabel. Haūn Arturu jagħmel ismu fuk il chitba ta'ż-żūieġ u l-istess, collha imriegħda, tagħmel Lucija. F'il ħin tinstama il għagħa ta' xi ħadd li jrid jidħol f'dic is-sala u ma jridux ijħalluh. F'dakka ūaħda cullħadd jibka b'ħalku miftuħ b'il għageb għaliex ijcun Edgardu imgħeżūer f'mantell li ried jara il Lucija. Enricu jilkgħu b'ix-xabla f'idu u Edgardu jislet ucoll tiegħu biex jinfdu biha iżda ġo nofshom jidħol Rajmondu li jberridhom. Edgardu meta jisma li Lucija intrabtet għall għomorha ma' Arturu jisbel għaliha u jrid b'il forż iċ-ċurchett ta'l chelma li jcun taha u f'il ħin li Lucija bħal ūaħda ġa miġnuna tatihulu jcanta:—

*Maledetto sia l-istante—Che di te mi rese amante—Stirpe iniqua, abbominata—Io dovea da te fuggir !—Ah ! di Dio la mano irata—Ti disperda....* Haūn Enricu u il Cavalieri ta' ma' dūaru jagħmlu għalih biex ijcheċċuh il barra iżda hu ma jibżax u jgħidilhom li ma għandu l-ebda chedda għall ħajjtu la darba gie milgħub minn dic li tant ħabb. Lucija tinxteħet għa'r-rcopptejha titlob għalih, u l-oħrajn jaraū chif jagħmlu u joħorġu il barra l-Edgardu b'kalbu imfaūūra b'il bichi għal dic it-telfa hecc cbira għalih ta'l maħbuba Lucija.

It-**Tieni Att** *jurina sala f'it-Torri ta' Wolferag, b'il-lejl, u f'rieħ, berak u ragħad ta'l biża.*

Jidher Edgardu ħusbien u imnicchet ħdejn mejda. F'il ħin jasal Enricu Ashton biex ijbiċċirlu kalbu billi jgħidlu li oħtu Lucija marret tgħammar ma' żeūgħa Arturu u li issa gie biex ijneħħilu ħajjtu għa't-tort li għamillu. Edgardu jgħidlu li jilka b'il ferħ li jissielet miegħu ħalli jcun jista f'demmu jaħsel il ħsara cbira li għamillu billi saħansitra keridlu il missieru. Il burraxca fl'ajru hi fl-akkal tagħha; haūn jinfirdu biex jarġgħu jiltakgħu għa'd-dūell.

*Ix-xena titbiddel f'sala ta'l Castell ta' Ashton* u jinstama id-dakk ħelu ta'ż-żfin. F'il ħin jidħol Rajmondu, jsicchithom, collu miblugħ, u jgħidilhom, li Lucija katlet lil Arturu b'is-seif tiegħu stess u li hi kiegħda tħeūden għa'x tilfet rasha. Cull-

ħadd jibka donnu milkut b'sajjetta. Haŭn tidher Lucija liebsa l-abjad u tibda tħeŭden b'Edgardu u li hi iżżeŭŭget miegħu. Jidħol Enricu u jinxteħet fukha biex joktolha talli naxret minn tulu lil Arturu iżda Rajmondu jżommu billi jgħidlu li ma chienetx taf x'inhi tgħid jeu x'inhi tagħmel għax chienet iġġennet. Enricu jilbet kuddiem oħtu li tcun kiegħda għada tħeŭden b'Edgardu. Rajmondu jċanfar lil Normanno talli hu, b'it-tnassis tiegħu, kankal dic il ħuġġieġa collha f'dic id-dar u joħroġ b'Lucija mitlufa barra minnha infisha.

*Ix-xena turina il Castell ta' Wolferag b'il kobra ta'r-Ravenswood. Hu b'il lejl.*

Edgardu jidħer u jcanta:—

*Tombe degli avi miei, l'ultimo avanzo—d'una stirpe infelice—Deh ! raccogliete voi. Cessò dell' ira—Il breve foco sul nemico acciaro—Abbandonar mi vo'. Per me la vita— È orrendo peso !... l'universo intero—È un desorto per me senza Lucia !—Di liete faci ancora—Splende il Castello ! Ah ! scarsa—Fu la notte al tripudio !—Ingrata donna !—Mentr' io mi struggo in disperato pianto,—Tu ridi, esulti accanto—Al felice consorte !—Tu delle gioje in seno, io della morte !—Fra poco a me ricovero—Darà negletto avello—Una pietosa lagrima—Non scorrerà su quelto !..—Fin degli estinti, o misero ! Manca il conforto a me ? Tu pur, tu pur dimentica—Quel marmo dispregiato ;—Mai non passarvi, o barbara!—Del tuo consorte a lato—Rispetta almen le ceneri—Di chi moria per te*; billi jcun ħaseb li f'il ħin li hu jcun sejjer joktol ruħu b'idejh, Lucija tcun collha ħienja kiegħda tgħammar ma' Arturu bla ma katt ħaseb li Lucija chienet, għal l-imħabba tiegħu, tinsab imdaħdħa f 'baħar ta' imrar xejn ankas minn tiegħu u mitlufa f'għakalha għal dejjem.

Edgardu jisma il kanpiena ta'l agunija u xi nies ta'l Castell ijgħidulu li Lucija chienet kiegħda tmut tħeŭden bih. Edgardu jrid jidħol b'il forż biex jaraha u Rajmondu jgħidulu li collox għal xejn għaliex ruħ Lucija chienet ijttajjret għa'd-dinja l-oħra. Edgardu jatih bħal ferħ ta' genn u ŭara jcanta : —

*Tu che a Dio spiegasti l-ali—O bell'alma innamorata !—Ti rivolgi a me placata—Teco ascenda il tuo fedel.—Ah ! se l'ira de' mortali—Fece a noi sì lunga guerra—Se divisi fummo in terra—Ne congiunga il Nume in ciel* u jinkatel. Rajmondu u l-oħrajn jibkgħu miblugħin fihom infushom għal dana il għaŭġ collu li ŭaka fuk id-dar ta'l imsejcna Lucija u f 'il ħin li jerfgħu idejhom lejn is-Sema biex jitolbu ħniena Edgardu jmut.

---

# BUREAU DE CORRESPONDANCE

**Jecc tridu min jictbilcom xi ittri, ricorsi, petizjonijiet jeŭ ħŭejjeġ oħra bl'Ingliż, bi't-Taljan, b'il Franciż, bl'Ispanjol, b'it-Tedesc u bil Għarbi; jeŭ tridu xi traduzjonijiet min daŭna il-lingŭi għal Malti, morru fli SCHOOL OF LANGUAGES (BERLITZ SYSTEM) f'in-numru 17, Sda: Mezzodì, il Belt u tcunu mokdija seŭŭa ŭisk u bi prezzijiet m'il orħos.**

# Ic'-Ċ'aula b'rix l'oħrajn.

Ċaŭla lemħet, minn bejtitha,
Katgħa tajr miġbur fi ġnien.
Collha għira niżlet ħdejhom
Sabiex tgħammar hemm flimchien.

Xtieket tidħol damma tagħhom,
Iżda ħsiebha ma ħadux ;
Xejn ma sŭielha t'-tbaħrid tagħha
Għaliex ŭensha ma riedux.

Billi fehmet li jdell'luha
Jecc ijcollha rix sabiħ,
Bedgħet toħrom għall ħarifa
Biex rix tiġma u tilbes bih.

Chif mitlufa, f'da'l ħsieb chienet,
Lemħet f'rocna munzell rix.
« B'dan ninchesa, » bdiet tgħid f'kalbha,
« [illegible]li nara jcheċċunix. »

[illegible] hecc, b'da'r-rix iżżejjnet,
Bdiet tirraġġa ma' l-oħrajn,
Għilt chien tagħha għax għarfuha
Dlonc chit taŭ dakka ta' għajn.

« Dac ir-rix, » bdeŭ ijgħidulha,
« Sraktu lilna, mnejn sa fejn ? »
Daru magħha 'l coll daŭŭara,
Minn riżk cbir, ħalleŭha b'xejn.

Hecc chit sabet ruħha mnittfa
Xtaket tarġa tmur mnejn giet,
Iżda infilget x'ħin nakkruha.
Għal dakshecc ġo ħofra nħbiet.

Dina il ħrafa 'l coll turina
Il bluhat ta' ŭħud m'in-nies,
Illi jridu jsebbħu il surthom
M'hux b'ħaġ'oħra ħlief bil lbies.

Sa chemm aħna nżommu rŭieħna
F'dac il loc l'Alla ħatrilna
Ħienja ncunu f'dina id-dinja
U'l bniedmin gieħ iġgibilna.

Ma hemmx actar ħaġa cherha.
Minn d'il fruħa ta' ŭaħdiet
Illi jridu juru ruħhom
B'it-tlellix u id-dħubijiet.

E. C.

*(M'is-«Sebħ»)* *(Edŭardu Cachia)*

# "IŻ-ŻUNŻANA."

Da'l ŭakt sejjra tibda toħroġ dina il gazzetta ġdida b'il Malti u li sejjra tcun suppliment ta'n-«Naħla» tiegħi.

Nisthajjilcom tgħiduli: «X'hemm bżonnha? ma għandecx in-«Naħla,» din ma hix b'iż-żejjed?» Meta infehimcom għala sejjer noħroġha taraŭ intom stess chif tatuni raġun.

In-«Naħla» ħlakta biex ingħallem il poplu u irnexxiet actar milli katt ħsibt jiena għaliex lakgħuha u ferħu biha l-aħjar nies u l-actar intelligenti ta'l pajjis. Iżda bosta oħrajn ma humiex ħlief ijgħemgmu li jridu jakraŭ l-aħbarijiet, il baned ijridu il programmi, l-imsieħbin ijridu in-necrologiji, id-devoti ijridu il festi, xi uħud ijridu il polemichi, aħna cull tant ijcollna bżonn niddefendu ruħna contra il għideb u it-tnassis ta'l għedeŭŭa tagħna u ta' daŭc li in-«Naħla» tiegħi iġġiegħilhom tant jitkagħŭxu bl-ugiegħ ta' żakk. Fi ftit cliem, billi il «*Malta Tagħna*» ilha toħroġ fuk għoxrin sena u għal żmien tŭil chienet timraħ hi biss f'idejn il poplu baxx, dana dara jakra daŭc l-affarijiet għad li fihom il ħajja biss ta' mument u jridhom.

Jiena biex niccuntenta il culħadd u naktagħlu xeŭktu sejjer ma indumx ma noħrorġ gazzetta oħra ta' cull gimgħa li tatiħ dac collu li soltu jakra f'il «*Malta Tagħna*» u aħjar, cull tant bl-istampi u b'il premji, u

## B'NOFS PREZZ

billi għad li jcun DAKS il «*Malta Tagħna*» ma jcunx ijkum ħlief ŻEŬĠ XELINI F'IS-SENA (sitt ħabbiet cull numru) li jitħallsu xelin cull sitt xhur b'il kuddiem. L-ispejjes ta'l posta jitħallsu barranin. Min hu imsieħeb f'in-«Naħla» ma jħallasx ħlief XELIN F'IS-SENA BISS ACTAR u posta ma jħallasx barranija billi jircevih ma'n-«Naħla» bħala *supplement.* Dana ix-xelin jitħallas f'dakka u bil kuddiem.

B'hecc in-«Naħla» tibka *rivista* u jcun fiha m'il bidu sa'l aħħar ħŭejjeġ ta' tagħlim biss, u il frac, l-aħbarijiet, in-necroloġiji u il ħŭejjeġ l-oħra jgħaddu f'IŻ-ŻUNŻANA billi dina tcun gazzetta li meta tinkara ŭieħed jista jkattagħha għaliex l-aħbarijiet ijmutu malajr u in-«Naħla» tiftaħ actar il ŭisa għat-tagħlim li jibka jinġabar sa il karrejja ta'l malti jcollhom ENCICLOPEDIJA minnha li isservi lilhom u lill uliedhom.

Id-daks ijcun l-istess ta'n-«Naħla» u bl-istess carta, biss b'ERBA faċċati f'loc bi tmienja. Dina tcun tinbiħ f'it-torok ucoll iżda B'IS-SOLD IL COPJA. Mela jakblilcom actar li tissieħbu u MIN JIBGHAT JISSIEHEB MA TUL DANA IX-XAHAR MA' L-EŬŬEL HLAS LI JAGHMEL JIEHU B'RIGAL IL «MAHBUB TA' GESU': IS-SABIH CTIEB TA'S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI. Mela billi tieħdu dana il ctieb riġal il ħlas ta's-sena jarġa JONKOS B'XELIN u b'hecc l-imsieħbin ta'n-«Naħl» jcunu kiegħdin jieħdu għal l-eŭŭel sena iż-ŻUNZANA B'XEJN u min ma hux imsieħeb f'in-«Naħla» JCUN KIEGHED JIEHU GHAL-LEŬŬEL SENA GAZZETTA AHJAR M'IL «*Malta Tagħna*» u **B'XELIN BISS** F'LOC B'ERBA XELINI. Dana juri li għad bakagħli iż-żejt għaliex il ġurnalismu għalija hu ideal u passatemp u m'hux maxtura u ħobż ta' cull jum.

L-EŬŬEL MITT IMSIEHEB natihom ucoll copja cull ŭieħed ta'l Eŭŭel Taksima ta's-«SAHHAR FALZUN», u b'hecc l-eŭŭel sena tcun giethom B'XEJN, u daŭc li huma ġa imsieħbin f'in-«Naħla» jcunu fuk ir-rieħ. Mela fittxu ibagħtu issieħbu B'ITTRA MILL ACTAR FIS u jecc fiha tibagħtu il flus li fehimtcom tircievu il premji.

**A. LEVANZIN.**


Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

JINBIEGH 1/8 & 1/10 IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA




C. CAMILLERI & SONS

50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

BL: BY FORMOSA.

## SNIEN ! SNIEN ! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

Min ijrid jixtri oġġetti ta'l metall m'il isbaħ li jistgħu iservu bħala rigal għal xi żŭieġ jeŭ magħmudija, bi prezzijiet m'il-irħas ijmur f'il ħanut ta' Bartolomeo Pisani, Strada Levante No. 150, il Belt.

Fl-istess stabiliment jimbigħu ucoll u jinxtraŭ bolli użati.

## FRANCOBOLLI

Min ijrid jixtri francobolli użati għall collezjoni jmur ta's-Sliema, Strada Prince of Wales, Nu. 213, cull jum, minn nofsi nhar il kuddiem, u jħassel ħafna bolli sbiħ b'nofs prezz ta'l Catalogu.

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Għodod, Ħuejjeg ta' Chimica u Fotografija, Żebgħa, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**
**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

## BRITANNIA

## L=OSSIGENU

li illum hu tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżerji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida joħroġ l-

## OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f'loc li jokgħod jistenna li jjestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

# Is=Sur Raff: Bonello

## TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ, ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

## INVENZJONI FAMUSA

**li sgur dic li għamlu dan l-aħħar billi sabu ħaġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u taħbit f'il hasil.**

**Mela biex tiffrancaŭ ix-xogħol u l-għeric**

## UZAU " IR-RUBNIT, "

**Biex tiffrancaŭ is-sapun għaliex taħlu ftit**

## UZAU " IR-RUBNIT, "

**Biex ma tħallsux ħassiela u ma taħlux ħafna żmien**

## UZAU " IR-RUBNIT "

**li jinbiegħ il Belt għand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il « BRITANNIA » ta' Sda. it-Torri.**



Min hu marid bl-ANEMIJA jakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

## L' ELIXIR TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u harġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

## IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsns b'in-nervi u l-actar b'il mishuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

## Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GĦALIEX MA JIBDIELCOMX !**

In-"Nahla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.